**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 48 - IT-TLIETA 3 TA' MARZU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-8:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Glenn Fenech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier (skużat - imsiefer) |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-Kunsillier Agius esprima x-xewqa li l-minuti jaslu mqar 12-il siegħa qabel. Is-SE staqsa jekk iridux li jinqraw il-minuti iżda kien hemm qbil unanimu li jkunu meqjusa moqrija. Wara konsiderazzjoni ġew approvati nem con u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

1.2. Dwar l-ewwel punt fuq il-minuti l-Kunsillier Agius qal li l-ewwel darba li sema' bil-proġett ta' Triq il-Kbira kien fl-aħħar laqgħa u jixtieq ikun jaf jekk hux se jsir qabel l-elezzjoni. Is-Sindku wieġbet li dan is-suġġett ilu ħafna jkun diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill u kompliet spjegat li l-proċess irid jibda għaliex hemm ħafna xogħol xi jsir.

1.3. Il-Kunsilliera Miceli semmiet li l-Kunsill għandu proġetti oħra bħal ta' Baħar iċ-Ċagħaq li wiegħdna li se nagħmlu iżda għadna lura.

1.4. Il-Kunsillier Catania stqarr li għal proġett f'distanza qasira hemm ippjanat li se jintefqu wisq u ma jħossx li huwa ġustifikat.

1.5. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-ħsieb komuni għandu jkun li għall-proġett ta' Triq il-Kbira ma jitnaqqrux fondi minn proġetti oħra u li possibilment il-Kunsill jipprova jakkwista fondi minn sorsi oħra.

1.6. Il-Kunsillier Agius talab li jiżdiedu marki sofor fil-kantunieri ta' Triq il-Qoton mal-Ilġiem. Kien hemm qbil li jsiru.

1.7. Kien hemm qbil li ssir talba lill-ADT biex tkun immarkata Triq tal-Labour.

1.8. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 8 tal-minuti. Is-SE informa li l-applikazzjoni għat-tabelli kienet saret iżda kien għadu qed jistenna lill-avukat biex iħejji l-memo lill-Onor Said.

1.9. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar para. 9.1. Is-SE esebixxa materjal pubbliċitarju dwar id-*dummy camera* msemmija. Is-SE kien mitlub biex jitkellem mas-*supplier* ħalli possibilment iġib aktar informazzjoni.

## 2. IL-PROĊESS TAL-IMPJIEG TA' SKRIVANI – ĦATRA TA' BORD TAL-GĦAŻLA

2.1. Kien hemm qbil li l-bord tal-għażla fil-proċess tal-impjieg ta' skrivani għandu jkun magħmul mis-Sindku, il-Kunsilliera Pauline Miceli, is-SE u s-Sur Salvu Sciberras.

## 3. TALBIET LILL-KUNSILLI

3.1. Id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Żenqa – kien hemm qbil unanimu li għandha ssir applikazzjoni lill-ADT biex Triq Żenqa issir kollha f'direzzjoni waħda 'l isfel. Sadanittant il-Kunsill talab li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq l-Ifran biex ikun stabbilit jekk jaqblux li anki din it-triq issir f'direzzjoni waħda 'l fuq.

3.2. Protezzjoni ta' żona biswit Triq Santa Marija (wara t-*Trade Fair*) – il-Kunsill qabel li għandhom isiru balavostri kif hemm fuq in-naħa l-oħra.

3.3. Bozza fi Sqaq numru 6 fil-Pjazza – Il-Kunsill qabel li din għandha ssir.

3.4. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Agius semmew li fi Triq is-Salina fuq in-naħa tal-Qadi hemm bżonn ta' dwal għax mudlam ħafna; madanakollu ma ttieħditx deċiżjoni dwar din. Is-Sindku talbet li jkollha l-lista tat-talbiet tal-bozoz. Is-SE informa li jekk huwa ma jkollux dettalji eżatti u ritratt fejn hu propost ħalli jifhem sewwa, ma jkunx jista' jieħu azzjoni, anki jekk il-Kunsill japprovaha.

3.5. Il-Kunsillier Agius allega li hemm bozoz li kienu nbidlu darbtejn fi ftit żmien.

## 4. ĦRUĠ TA' OFFERTI

4.1. Is-SE informa li numru ta' offerti kienu skadew, fosthom uħud li kienu għal tliet snin iżda kienu jiġġeddu kull sena. Dawn tal-aħħar kienu l-kuntratti tat-tindif tal-bajjiet, tindif tat-toroq mhux urbani, tindif taċ-Ċentru Ċiviku, ġbir ta' skart goff u ġbir ta' skart domestiku. Dwar dawn il-Kunsill qabel li jiġġeddu għal sena oħra.

4.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jibda l-proċess biex jinħarġu l-kuntratti għas-servizzi ta' *handymen*, li l-Kunsill xtaq li jevalwa mill-ġdid u jaġġusta skont kif meħtieġ, ir-responsabbiltajiet mistennija mill-*handymen*, tal-latrini, tas-servizzi legali (wara li jittieħed parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali) u tal-bankini.

4.3. Issemma li t-tindif ta' Triq is-Salina għandu jkun intensifikat speċjalment wara kemm ħmieġ tkaxkar mix-xita.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1. Is-Sindku semmiet li kien meħtieġ li jiżdiedu l-*cats eyes* biex jindikaw iż-*zebra crossings*. Is-SE informa li fejn kienu tpoġġew kienu indifnu fil-qatran u għalhekk xtaq il-konferma tal-Kunsill jekk għandhomx jitwaħħlu xorta. Il-Kunsill però xorta qabel li għandhom jitwaħħlu oħrajn.

5.2. F'dan il-ħin reġa' tqajjem il-punt dwar il-qsim fiż-żona pedonali u kemm nies qed jilmentaw u jallegaw li huwa periklu biex taqsam. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir iż-*zebra crossing* kif kienet qabel u li jekk jinstab permess fil-*files* tal-Kunsill għal dik oriġinali, allura ma jkunx hemm għalfejn applikazzjoni mill-ġdid u tista' taqbad u ssir.

5.3. F'dan il-ħin kien hemm qbil li tintbagħat *reminder* għat-talba tal-*pelican crossings* tan-naħa t'isfel ta' Triq tal-Labour.

5.4. Kien hemm qbil ukoll li ssir talba biex ikunu miżbugħa mill-ġdid il-marki ta' Triq il-Kosta.

5.5. Is-Sindku infurmat li kien sar mandat ta' sekwestru minn Philip Agius & Sons Ltd fuq il-fondi tal-Kunsill għall-ammont li l-Kunsill kien għad fadallu jagħti lil dan il-kuntrattur. Is-Sindku kompliet li b'riżultat kienet saret laqgħa fis-26 ta' Frar fejn għaliha kien hemm preżenti għan-naħa tal-kuntrattur, is-Sur Mario Agius u l-Avukat Peralta. Għall-Kunsill kien preżenti wkoll l-avukat Malcolm Mifsud flimkien magħha, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Grech għall-Kunsill.

5.6. Is-Sindku infurmat li kien kiteb is-Sindku tat-tieni distrett ta' Bucharest fir-Rumanija fejn anki ressaq stedina formali. Hija infurmat li se tkompli f'kuntatt ħalli tara kif l-aħjar nipproċedu.

5.7. Is-SE informa li kellu talba biex issir bankina fi Triq it-Torri Gauci minħabba li meta kienet saret xi snin ilu din kienet ġiet fil-propjetà privata minħabba li bħala linja kien inżamm ċint li però kien 'il ġewwa mil-linja tat-triq. Il-Kunsill qabel li tkun ordnata l-bankina.

5.8. Is-Sindku staqsiet dwar l-iżvilupp tal-irranġar tad-daħla tad-Dar Sagra Familja. Is-SE informa li huwa kien tkellem mal-avukat dwar dan li wieġeb li, minħabba li hija privata ma jistax isir mill-Kunsill u għalhekk is-SE irrakkomanda li jittieħed parir mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali biex kollox ikun skont il-liġi.

## 6. APPLIKAZZJONI GĦALL-ISTUDJU DWAR ŻVILUPP SOSTENIBBLI

6.1. Is-SE ressaq l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-proġett pilota dwar studju dwar żvilupp lokali sostenibbli. Il-Kunsill qabel li jgħaddiha lill-Perit biex jagħmel id-dettalji biex issir l-applikazzjoni.

## 7. TALBIET LILL-KUNSILL

7.1. Il-Kunsillier Agius informa li hemm arblu tal-Enemalta fi Triq tal-Labour (quddiem, man-naħa ta' *Sprettu Building*) li huwa maqtugħ bis-sadid biex ikun irrappurtat.

7.2. Il-Kunsillier Agius fakkar li kien hemm biċċa xogħol approvata fi Triq San Pawl, fejn kellha titneħħa ċinta ta' filata li għadha ma saritx.

7.3. Is-SE ressaq talba lill-Kunsill biex jinxtara *projection screen* għall-prezz ta' €300. Il-Kunsill qabel.

7.4. Is-SE tkellem dwar problemi maqlugħa fi Triq Ġdida fi Triq l-Għakkies fejn intalbet li tiżdied ħadida minħabba li qed jipparkjaw fuq parti li hija bankina. Is-SE informa li diġà hemm ħadida li tista' tinqala' minn post u titwaħħal f'ieħor. Il-Kunsill qabel.

7.5. Fuq propsta mill-Viċi-Sindku kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-*Heritage Malta* dwar l-istat tar-Ridott fis-Salini.

7.6. Is-SE informa li kien ġiet riżolta l-problema ta' Triq l-Imdina wara li kien mar fuq il-post u bi qbil mal-partijiet kollha involuti kien ġie mmarkat sinjal isfar quddiem ir-residenza tas-Sur Joseph Chircop. Il-Kunsill qabel.

## 8. KONFERMA TAL-IMPJIEG TA' BENJAMIN BUGEJA

8.1. Is-SE informa li ż-żmien ta' prova ta' Benjamin Bugeja bħala skrivan kien jiskadi fid-29 ta' Marzu 2009 u għalhekk talab il-konferma tal-Kunsill.

8.2. Is-Sindku infurmat li l-unika problema li kienet tara hija li ma kienx qed jaċċerta li jiftakar dak li jkollu x'jagħmel.

8.3. Is-SE, filwaqt li qabel ma' dak li qalet is-Sindku, informa li kellu kwalitajiet tajbin oħra, fosthom li kellu ħiliet fl-IT ta' utilità għall-uffiċċju. Barra minn hekk huwa dejjem ipprova jagħmel ix-xogħol bl-aħjar mod possibli.

8.4. Il-Kunsill qabel li jikkonfermalu l-impjieg filwaqt li s-SE għandu jkellmu biex iħeġġu jsib is-sistemi kif ix-xogħol li jkollu jagħmel ma jinsiehx.

## 9. TMIEM IL-LAQGĦA

9.1. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jaġġorna l-laqgħa.

9.2. Il-Kunsillier Agius talab li tittieħed nota dwar kaptelli mkissrin li hemm fi Triq Ġużeppi Stivala (quddiem il-ħaddied). Kien hemm qbil li possibilment jitpoġġew xi ħadid biex titgħatta temporanjament sakemm jitlesta x-xogħol fuq ġewwa.

9.3. Il-Kunsillier Gatt informa li hemm kaptell imkisser fuq il-bankina fil-By-Pass ftit 'l isfel minn 'tal-murder'. Kien hemm qbil li nitolbu lill-ADT biex iduruhom.

9.4. Il-Kunsillier Glenn Fenech informa li dwar il-proġett *Reach* kien se jattendi hu għal-laqgħa li se ssir fil-Kunsill taż-Żurrieq.

9.5. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-11:15pm filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu, 2009. Din il-laqgħa tkun qasira minħabba li se jkun hemm il-laqgħa tal-lokalità.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv